



Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fl-24 ta' Ġunju 2021¹

Kawża C-271/20

Aurubis AG

vs

Bundesrepublik Deutschland

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja))

“Talba għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Arranġament tranżitorju għall-allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti ta' emissjoni – Deċiżjoni 2011/278/UE – Artikolu 3(d) – Kunċett ta' 'subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil' – Tidwib flash – Reazzjoni awtotermika – Talba għal allokazzjoni mhux milqugħa fl-aħħar tal-perijodu ta' skambju”

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja) tikkonċerna prinċipalment il-kunċett ta' “subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil” fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631)]².

2. Is-“subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil” hija waħda mill-kategoriji ta' installazzjoni industrijali li tista' tiġi allokata kwoti ta' emissjoni mingħajr ħlas għall-finijiet tad-Direttiva 2003/87. Hija din id-direttiva li tistabbilixxi skema għall-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra għall-kumpanniji li jwettqu skambju fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

3. It-talba saret fil-mori tal-kawża bejn Aurubis AG (iktar 'il quddiem “Aurubis”) u l-Bundesrepublik Deutschland (ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja), irrappreżentata mill-Umweltbundesamt, Deutsche Emissionshandelsstelle (l-Aġenzija Federali għall-Ambjent,

¹ Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

² ĠU 2011, L 130, p. 1.

l-Awtorità Ġermaniża għall-Iskambju ta' Emissjonijiet, iktar 'il quddiem id-“DEHSt”), li tikkonċerna l-ammont ta' kwoti ta' emissjonijiet allokatil lil Aurubis mingħajr ħlas għall-attività ta' produzzjoni primarja tar-ram tagħha.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. *Id-dritt tal-Unjoni*

1. *Id-Direttiva 2003/87*

4. Id-Direttiva 2003/87 ġiet emendata diversi drabi, inkluż permezz tad-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra³ u mid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814⁴. Fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali, hija l-verżjoni applikabbli fl-2012 li jidhri li hija rilevanti għar-risposta għall-ewwel domanda u għaldaqstant ser tintuża, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

5. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/87, intitolat “Il-materja tas-suġġett”, jgħid:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità (minn issa 'l quddiem imsjha l-iskema Komunitarja) sabiex tippromwovi t-tnaqqis ta' l-emissjoni tal-gassijiet serra b'manjera effettiva rigward spejjeż u effiċjenza ekonomika.

[...]

6. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/87, intitolat “Kamp ta' applikazzjoni”, jipprovdi, fil-paragrafu 1:

“Din id-Direttiva għandha tapplika għall-emissjonijiet mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I u għall-gassijiet serra elenkati fl-Anness II.”

7. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87, intitolat “Id-definizzjonijiet”, jgħid:

“Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(b) ‘emissjonijiet’ ifissru r-rilaxx ta' gassijiet serra fl-atmosfera minn sorsi ġewwa stallazzjoni [...]

[...]

³ ĠU 2009, L 140, p. 63.

⁴ ĠU 2018, L 76, p. 3.

- (e) ‘stallazzjoni’ tfisser unità teknika stazzjonarja fejn jitwettqu attività jew iktar elenkati fl-Anness I u kull attività oħra assoċjata direttament li jkollha konnessjoni teknika ma’ l-attivitajiet imwettqa fuq is-sit u li jista’ jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġiż;

[...]

- (t) ‘Kombustjoni’ tfisser kull ossidazzjoni tal-karburanti irrispettivament mill-mod li bih jintużaw is-sħana, l-enerġija mekkanika jew elettrika prodotti minn dan il-proċess u kwalunkwe attività oħra assoċjata direttament inkluż tindif tal-gass tal-iskart;

[...]”

8. L-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87, intitolat “Regoli tranżitorji madwar [l-Unjoni] kollha għal allokkazzjoni gratis armonizzata”, jgħid:

“Sal-31 ta’ Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tadotta, miżuri ta’ implimentazzjoni sabiex ikunu applikabbli mal-Komunità kollha li jkunu kompletament armonizzati għall-allokkazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 4, 5, 7 u 12 inkluża kwalunkwe dispożizzjoni neċessarja għall-applikazzjoni armonizzata tal-paragrafu 19 ta’ dan l-Artikolu.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta’ din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 23(3).

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw punti ta’ riferiment ex ante [tal-Unjoni] sabiex jiżguraw li l-allokkazzjoni sseħħ b’mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gass serra u għal teknika ta’ effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta’ produzzjoni, il-koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tas-CO₂, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. M’għandha ssir ebda allokkazzjoni gratis fir-rigward ta’ kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ħlief għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 10c u l-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart.

Fil-prinċipju, għal kull settur u subsettur, il-punt ta’ riferiment għandu jiġi kkalkulat għall-prodotti aktar milli għall-inputs, sabiex jiġu mmassimizzati kemm jista’ jkun it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-effiċjenza enerġetika matul kull proċess ta’ produzzjoni tas-settur jew subsettur ikkonċernat.

[...]”

2. *Id-Deċiżjoni 2011/278*

9. Il-premessi 1, 5, 12 u 18 tad-Deċiżjoni 2011/278 jipprovdu kif ġej:

- “(1) L-Artikolu 10a tad-Direttiva jirrikjedi li l-miżuri ta’ implimentazzjoni mal-Komunità kollha u kompletament armonizzati għall-allokkazzjoni ta’ kwoti tal-emissjonijiet mingħajr ħlas għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw parametri referenzjarji ex-ante sabiex jiżguraw li l-allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet isseħħ b’mod li tagħti inċentivi għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għal tekniki effiċjenti fl-użu

tal-enerġija, billi jitqiesu t-tekniki l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi tal-produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet ta' skart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tad-diossidu tal-karbonju, meta dawn il-faċilitajiet huma disponibbli, u ma għandhomx jipprovdu inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. L-allokazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu tal-iskambju sabiex is-suq ikun jista' jiffunzjona sewwa.

[...]

- (5) Il-Kummissjoni qieset li l-istabbiliment ta' parametru referenzjarju għal prodott kien fattibbli meta, jekk wieħed iqis il-kumplessità tal-proċessi tal-produzzjoni, id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet tal-prodotti kienu disponibbli biex tkun tista' ssir verifika tad-dejta tal-produzzjoni u applikazzjoni uniformi tal-parametru referenzjarju tal-prodott madwar l-Unjoni kollha għall-finijiet tal-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet. Ma sar l-ebda divrenzar fuq il-bażi tal-ġeografija jew fuq il-bażi tat-teknoloġiji, materja prima jew fjuwils użati, sabiex ma jkunux imxekkla l-vantaġġi komparattivi fl-effiċjenza tal-karbonju mifruxa fl-ekonomija tal-Unjoni, u biex tisserdaq l-armonizzazzjoni tal-allokazzjoni transizzjonali mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet.

[...]

- (12) Meta l-kisba ta' parametru referenzjarju ta' prodott ma kinitx fattibbli, imma jkun hemm gassijiet serra eliġibbli għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet, dawn il-kwoti għandhom ikunu allokati fuq il-bażi ta' mudelli ġeneriċi ta' riżerva. Ġiet żviluppata ġerarkija ta' tliet mudelli ta' riżerva sabiex ikun immassimizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-enerġija għal mill-inqas xi partijiet mill-proċessi ta' produzzjoni kkonċernati. Il-parametru referenzjarju tas-sħana huwa applikabbli għall-proċessi tal-konsum tas-sħana meta jintuża trasportatur tas-sħana li jista' jitkejjel. Il-parametru referenzjarju tal-fjuwil huwa applikabbli meta tiġi kkunsmata sħana li ma tistax titkejjel. Il-valuri tal-parametri referenzjarji tas-sħana u l-fjuwil inkisbu fuq il-bażi tal-prinċipji tat-trasparenza u s-simpliċità, bl-użu tal-effiċjenza ta' referenza ta' fjuwil disponibbli b'mod wiesa' li jista' jitqies bħala t-tieni l-aħjar fir-rigward tal-effiċjenza fil-gassijiet serra, meta jitqiesu t-tekniki effiċjenti fl-enerġija. Għall-emissjonijiet minn proċessi, il-kwoti tal-emissjonijiet għandhom ikunu allokati fuq il-bażi tal-emissjonijiet storiċi [...]

- (18) Sabiex ikun evitat kull xkiel għall-kompetizzjoni u biex ikun żgurat funzjonament ordnat tas-suq tal-karbonju, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tiġi ddeterminata l-allokazzjoni tal-installazzjonijiet individwali ma jkun hemm ebda għadd doppju u ma ssir ebda allokazzjoni doppja. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil dawk il-każijiet fejn prodott b'parametru referenzjarju ikun prodott f'aktar minn installazzjoni waħda, fejn aktar minn prodott b'parametru referenzjarju wieħed huwa prodott fl-istess installazzjoni jew fejn prodotti intermedjarji ikunu skambjati minn konfini ta' installazzjoni għal konfini oħra.”

10. L-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, intitolat “L-ambitu”, jipprovdi:

“Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet taħt il-Kapitolu III (installazzjonijiet stazzjonarji) tad-Direttiva [2003/87] f'perjodi ta' skambji mill-2013 [...]

11. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/278 jipprovdi:

“Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (b) ‘subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju ta’ prodott’ tfisser id-dħul, il-prodotti u l-emissjonijiet korrispondenti relatati mal-produzzjoni ta’ prodott li għalih kien stipulat parametru referenzjarju fl-Anness I;
- (c) ‘subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju tas-sħana’ tfisser id-dħul, il-prodotti u l-emissjonijiet korrispondenti mhux koperti minn subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju ta’ prodott relatata mal-produzzjoni, l-importazzjoni minn installazzjoni jew entità oħra koperta mill-iskema tal-Unjoni, jew mit-tnejn li huma, ta’ sħana li:
- hija kkunsmata fil-konfini tal-installazzjoni għall-produzzjoni ta’ prodotti, għall-produzzjoni tal-enerġija mekkanika li mhix użata għall-produzzjoni tal-elettriku, għat-tisħin jew għat-tkessiħ bl-eċċezzjoni tal-konsum għall-produzzjoni tal-elettriku, jew
 - esportati lejn installazzjoni jew entità oħra mhux koperta mill-iskema tal-Unjoni bl-eċċezzjoni tal-esportazzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku;
- (d) ‘subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju tal-fjuwil’ tfisser id-dħul, il-prodotti u l-emissjonijiet korrispondenti mhux koperti minn subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju ta’ prodott relatata mal-produzzjoni ta’ sħana li ma titkejjilx permezz ta’ kombustjoni tal-fjuwil li hija kkunsmata għall-produzzjoni ta’ prodotti, għall-produzzjoni tal-enerġija mekkanika li mhix użata għall-produzzjoni tal-elettriku, għat-tisħin jew għat-tkessiħ bl-eċċezzjoni tal-konsum għall-produzzjoni tal-elettriku, inkluż l-ivvampjar għas-sikurezza;
- (e) ‘sħana li titkejjel’ tfisser fluss ta’ sħana netta ttrasportata permezz ta’ pajpijiet jew tubi identifikabbli li jużaw mezz ta’ trasferiment tas-sħana, bħal, b’mod partikolari, il-fwar, l-arja sħuna, l-ilma, iż-żejt, il-metalli likwidi u l-imluħa, li għalih huwa jew jista’ jkun installat miter tas-sħana;
- [...]
- (g) ‘sħana li ma titkejjilx’ tfisser is-sħana l-oħra kollha għajr is-sħana li titkejjel;
- (h) ‘subinstallazzjoni ta’ emissjonijiet minn proċess’ tfisser l-emissjonijiet tal-gassijiet serra elenkati fl-Anness I [tad-Direttiva 2003/87] għajr id-diossidu tal-karbonju, li jseħħu ’l barra mill-konfini tas-sistema ta’ parametru referenzjarju ta’ prodott elenkat fl-Anness I, jew l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju li jseħħu ’l barra mill-konfini tas-sistema ta’ parametru referenzjarju ta’ prodott elenkat fl-Anness I, minħabba xi waħda mill-attivitajiet u emissjonijiet li ġejjin u li jirriżultaw mill-kombustjoni ta’ karbonju mhux kompletament ossidizzat prodott bħala riżultat tal-attivitajiet li ġejjin għall-iskop tal-produzzjoni ta’ sħana li titkejjel, sħana li ma titkejjilx jew elettriku sakemm l-emissjonijiet li kieku jirriżultaw mill-kombustjoni ta’ ammont ta’ gass naturali, ekwivalenti għall-kontenut tal-enerġija li tista’ teknikament tintuża tal-karbonju maħruq mhux ossidizzat kompletament, jiġu mnaqqsa:
- (i) ir-riduzzjoni kimika jew elettrolitika tal-komposti tal-metalli fil-minerali, konċentrazzjonijiet u materjali sekondarji;

- (ii) it-tneħħija tal-impuritajiet mill-metalli u l-komposti tal-metalli;
 - (iii) id-dekompożizzjoni tal-karbonati, minbarra dawk għat-tindif tal-gassijiet li joħorġu mit-trombi taċ-ċmieni;
 - (iv) is-sinteżi kimika fejn il-materjal bil-karbonju jipparteċipa fir-reazzjoni, għal skop primarju li mhuwiex il-ġenerazzjoni tas-sħana;
 - (v) l-użu ta' karbonju li fih additivi jew materja prima għal skop primarju li mhuwiex dak tal-ġenerazzjoni tas-sħana;
 - (vi) it-tnaqqis kimiku jew elettrolitiku ta' ossidi metallojdi jew ossidi mhux tal-metall bħal ossidi tas-silikon u fosfati tas-silikon;
- [...]"

12. L-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni 2011/278, intitolat "L-allokazzjoni fil-livell ta' installazzjoni", jgħid:

"Meta jiddeterminaw l-ammont annwali totali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokatu mingħajr ħlas lil kull installazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet ma jingħaddux darbtejn u li l-allokazzjoni ma tkunx negattiva [...]"

13. Id-Deċiżjoni 2011/278 ġiet revokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2021 mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Madankollu, skont l-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament Delegat, dik id-deċiżjoni ser tkompli tapplika fl-allokazzjonijiet relatati mal-perijodu ta' qabel l-1 ta' Jannar 2021.

B. Id-dritt Ġermaniż

1. It-Treibhausgas-Emissionshandelsgesetz

14. L-Artikolu 9 tat-Treibhausgas-Emissionshandelsgesetz (il-Liġi dwar l-Iskambju tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra) tal-21 ta' Lulju 2011⁶ (iktar 'il quddiem it-"TEHG") huwa fformulat kif ġej:

"(1) Operaturi ta' installazzjonijiet ser jirċievu allokazzjoni ta' kwota mingħajr ħlas skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 10a [...] tad-Direttiva [2003/87] [...] fil-verżjoni fis-seħħ fiż-żmien rilevanti u [fid-Deċiżjoni 2011/278]

[...]"

⁵ ĠU 2019, L 59, p. 8, rettifika fil-ĠU 2020, L 296, p. 8.

⁶ BGBl. 2011 I, p. 1475.

15. It-tieni parti tal-Anness I għat-TEHG, intitolat “Attivitajiet”, telenka, fil-punt 1, fost l-installazzjonijiet li l-emissjonijiet tagħhom jaqgħu fi ħdan il-kamp tal-applikazzjoni ta’ din il-liġi, “unitajiet tal-kombustjoni intiżi sabiex jaħarqu fjuwil b’input termiku nominali totali daqs jew jeċċedi 20 MW f’installazzjoni, sakemm mhux koperti minn wieħed mill-punti segwenti”.

2. *Iz-Zuteilungsverordnung 2020*

16. L-Artikolu 2(27) u (29) tal-Verordnung über die Zuteilung von Treibhausgas-Emissionsberechtigungen in der Handelsperiode 2013 bis 2020 (Zuteilungsverordnung 2020) (ir-Regolament dwar l-Allokazzjoni ta’ Kwoti ta’ Emissjoni ta’ Gassijiet Serra fil-Perijodu ta’ Skambju mill-2013 sal-2020) tas-26 ta’ Settembru 2011⁷ (iktar ‘il quddiem iż-“ZuV 2020”) jiddefinixxi t-termini “subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju tal-fjuwil” u “subinstallazzjoni ta’ emissjonijiet minn proċess” f’termini simili għal dawk tal-Artikolu 3(d) u (h) tad-Deċiżjoni 2011/278.

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali

17. Aurubis topera installazzjoni f’Hamburg (il-Ġermanja) li tipproduċi ram primarju. Peress li din l-attività taqa’ taħt il-kategorija ta’ attivitajiet fil-punt 6 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 tal-“produzzjoni jew l-ipproċessar ta’ metalli mhux tal-ħadid [...] fejn jitħaddmu unitajiet tal-kombustjoni b’kapaċità termika totali [...] li taqbeż l-20 MW”, Aurubis hija suġġetta għall-obbligu ta’ skambju ta’ emissjonijiet.

18. L-installazzjoni tikkonsisti f’żewġ subinstallazzjonijiet, ir-Rohhüttenwerk Nord u ir-Rohhüttenwerk Ost (RWO). It-tilwima fil-kawża prinċipali tikkonċerna biss din tal-aħħar. Is-subinstallazzjoni RWO hija funderija li fiha ram primarju jiġi miksub permezz ta’ tidwib flash tal-konċentrat tar-ram, billi jintuża dak magħruf bħala l-proċess “Outokumpu”⁸. Madankollu, skont Aurubis, dan il-proċess ġie mtejjeb permezz tar-riċerka u xogħol ta’ żvilupp tagħha stess sabiex il-forn ta’ tidwib flash jista’ jiġi operat mingħajr l-użu tal-fjuwils bil-karbonju⁹.

19. Bid-deċiżjoni tas-17 ta’ Frar 2014, id-DEHSt allokat lir-rikorrenti total ta’ 2 596 999 kwoti ta’ emissjoni mingħajr ħlas għas-snin 2013 sa 2020 wara t-talba tal-rikorrenti tal-20 ta’ Jannar 2012.

20. Fl-14 ta’ Marzu 2014, ir-rikorrenti ppreżentat oġġezzjoni. Bid-deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni tat-3 ta’ April 2018, id-DEHSt irrevokat id-deċiżjoni tal-kwoti parzjalment, sa fejn l-allokazzjoni teċċedi il-kwota ta’ emissjoni ta’ 1 784 398. Hija tat bħala raġuni l-fatt li l-konċentrat tar-ram ma setax jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta’ “subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju tal-fjuwil” iżda kellu jiġi konness mas-“subinstallazzjonijiet ta’ emissjonijiet minn proċess”. Wara l-kalkolu mill-ġdid tal-intitolament tal-allokazzjoni, id-DEHSt irrevokat 523 027 kwota.

21. Ir-rikorrenti kkontestat id-deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni permezz ta’ rikors ippreżentat fit-30 ta’ April 2018 quddiem il-qorti tar-rinviju.

⁷ BGBl. 2011 I, p. 1921.

⁸ Dan il-proċess huwa msemmi wara mina tar-ram (issa ma għadhiex tintuża) fil-Finlandja tal-Lvant li l-ewwel żviluppat dan il-proċess ta’ tidwib għal minerali li fihom il-kubrit lejn l-aħħar tal-erbgħinijiet (1940s).

⁹ Ara l-punt 8 tal-osservazzjonijiet bil-miktub ta’ Arubis.

22. Skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, Aurubis saħqet quddiem il-qorti tar-rinviju li l-konċentrat tar-ram li tuża għall-proċess tat-tidwib flash jinkludi kubrit tar-ram u ħadid (30 % kull wiehied ram, ħadid u kubrit). Il-konċentrat fih ukoll traċċi ta' karbonju u metalli oħra. Sabiex jiġi miksub ram primarju, dak il-konċentrat l-ewwel huwa mħawwad ma' ramel u sustanzi għall-użu oħra li wkoll xi kultant fihom kwantitajiet żgħar ta' karbonju. Għalhekk il-preparazzjoni miksuba hija mqiegħda fil-forn tal-funderija tat-tidwib flash b'taħlita ta' arja u ossiġnu. Minħabba r-reazzjoni kimika bejn l-ossiġnu u l-kubrit li jinsabu fil-konċentrat tar-ram, it-temperatura fil-forn tal-funderija teċċedi 1 200 °C, li jwassal għal-likwidazzjoni tal-konċentrat tar-ram. Ir-ramel huwa msaħħan ukoll u l-massa ta' ħadid tillikwida wkoll. L-ebda karburanti fossili ma jintużaw fil-proċess.

23. Skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, is-sustanzi miksuba huma matte (li hija taħlita ta' ram u ħadid kubrit), silikat tal-ħadid (bħala fdal) u dijossidu tal-kubrit (SO₂). Sussegwentement, dan il-matte jiddaħħal f'konvertitur, ġewwa liema l-frazzjonijiet li jibqgħu ta' kubrit u ħadid huma ossidati permezz tal-insufflazzjoni ta' taħlita ta' arja u ossiġnu. Sħana tkun ukoll iġġenerata f'dik l-okkażjoni. Il-prodott ta' dak l-istadju, magħruf bħala "ram blister", huwa mqiegħed ġewwa forn tal-anodi, li fih il-frazzjonijiet li jibqgħu ta' kubrit huma mibdula għal SO₂ permezz ta' kombustjoni. Il-prodott finali, ram primarju, huwa hekk miksub.

24. Jidher għalhekk li l-proċess ma jużax karburanti fossili. Kuntrarju għal produtturi tar-ram oħrajn li jużaw fjuwils li fihom karbonju bħal żejt tqil jew gass naturali, il-proċess żviluppat u użat minn Aurubis ikun għalhekk titjib fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima. Madankollu, minkejja li dan il-proċess tipikament jiġġenera SO₂ – iktar milli dijossidu tal-karbonju (CO₂) – il-funderija inkwistjoni madankollu temetti kwantitajiet żgħar ta' karbonju fil-konċentrat tar-ram. Il-konċentrat tar-ram kien fih karbonju fi proporzjon ta' approssimattivament 0.7 % bil-massa. Ir-RWO tkun għalhekk 0.026 tunnellata ta' CO₂ għal kull tunnellata ta' konċentrat ta' ram, jew medja ta' 29 024 tunnellata ta' CO₂ kull sena.

25. Aurubis tissottometti li l-allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet kellha tiġi bbażata fuq l-Artikolu 2(27) taz-ZuV 2020 u l-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278 għax il-kubrit li jinħaraq fil-funderija tat-tidwib flash jikkostitwixxi "fjuwil" għal dan l-għan. Il-klassifikazzjoni ta' input bħala fjuwil ma tippreżumix li l-għan prinċipali tal-użu ta' dak l-input huwa l-produzzjoni ta' sħana jew li huwa fjuwil standard bħal faħam, żejt jew gass naturali. Fil-konċentrat tar-ram, il-komponent tar-ram huwa l-materja prima u l-komponent tal-kubrit huwa l-fjuwil.

26. Aurubis tkompli targumenta li l-konvenuta dejjem straħet fuq relazzjoni ġerarkika bejn it-tliet metodi alternattivi. Skont Aurubis, peress li l-kriterji għal "subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil" huma ssodisfatti, l-allokazzjoni fuq il-bażi tal-parametri ta' emissjonijiet minn proċess għandha tiġi injorata. Barra minn hekk, sabiex jintlaħaq il-kriterju tas-subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju, irid ikun hemm relazzjoni kawżali diretta u immedjata bejn l-emissjoni ta' CO₂ u l-proċess użat. Dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-proċess 'Outokumpu'.

27. Għal dawk ir-raġunijiet, Aurubis tfittex it-tħassir tad-deċiżjoni tat-3 ta' April 2018 u l-allokazzjoni tal-kwoti ta' emissjoni addizzjonali għas-snin 2013 sa 2020.

28. Skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sabiex ikun hemm "subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(27) taz-ZuV 2020 u l-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278, huwa neċessarju li l-għan prinċipali tal-użu tal-materja rilevanti huwa l-ġenerazzjoni tas-sħana. Hija tikkontesta li dan ma huwiex il-każ sa fejn huwa

kkonċernat l-impjant RWO, peress li l-konċentrat tar-ram huwa materja prima u l-għan prinċipali tal-użu tiegħu huwa l-produzzjoni tar-ram primarju. Barra minn hekk, dak il-konċentrat ma huwiex kompletament maħruq fil-proċess involut, kuntrarju għal dak li huwa preżunt meta jiġi kkalkolat il-parametru referenzjarju. Barra minn hekk, fjuwils, fis-sens tat-tifsira ta' parametru referenzjarju huma fjuwils li jistgħu jiġu mibdula bi fjuwils oħra, b'mod partikolari b'gass naturali.

29. Il-qorti tar-rinviju tinnota mill-bidu li, kieku kellu jiġi kkunsidrat li r-RWO hija “subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil”, dan ikun ifisser li l-konċentrat ta' ram – jew il-frazzjoni ta' kubrit li jinsab fih – jiġi kklassifikat bħala “fjuwil”.

30. Dik il-qorti tinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja sabet, fil-punt 53 tas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518), li l-Artikolu 3(t) tad-Direttiva 2003/87 ma jnaqqasx il-kunċett ta' “kombustjoni” biss għal reazzjonijiet ta' ossidazzjoni li fihom innifishom jiġġeneraw gassijiet serra. Dik l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex, madankollu, deċiżiva biżżejjed għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-terminu “fjuwil” fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278.

31. Huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li jiġi ddeterminat jekk allokkazzjoni fuq il-bażi tal-parametru tal-fjuwil tippreżumix li l-għan primarju tal-kombustjoni huwa l-ġenerazzjoni tas-sħana. B'mod kritiku, madankollu, f'dan il-każ, il-konċentrat tar-ram użat iservi kemm bħala materja prima kif ukoll bħala fjuwil. Lanqas id-domanda ta' jekk l-eżistenza ta' fjuwil, fis-sens tat-tifsira tal-parametru referenzjarju msemmi fid-Deċiżjoni 2011/278, teħtieġ li l-fjuwil użat ikun interkambjabbli ma hija rregolata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

32. Il-qorti tar-rinviju tinnota, fl-aħħar, li t-tielet perijodu ta' skambju jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2020. Hija tgħid li, skont il-ġurisprudenza Ġermaniża, it-tmiem tal-ewwel u tat-tieni perijodu ta' skambju fisser li talbiet għal allokkazzjoni li kienet għadha mhux imħallsa fit-30 ta' April wara t-tmiem tal-perijodu ta' skambju kien għadha, fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni tranżitorja espressa fid-dritt nazzjonali. Lanqas id-dritt nazzjonali ma fih kwalunkwe dispożizzjoni tranżitorja fir-rigward tat-tielet perijodu ta' skambju. L-awtoritajiet Ġermaniżi rrifjutaw li jadottaw tali dispożizzjoni fuq il-bażi li r-regoli relatati mar-raba' perijodu ta' skambju (2021-2030) kienu stabbiliti b'mod eżawrjenti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li l-kumpens għad-drittijiet li jidħlu f'diversi perijodi jkun biss legali jekk previst minn dik il-leġiżlazzjoni.

33. Skont il-qorti tar-rinviju, l-ebda wieħed mill-atti rilevanti tal-Unjoni ma għandu dispożizzjoni relatata mal-kumpens għal drittijiet repetuti fuq diversi perijodi. Barra minn hekk, l-ebda dispożizzjoni ma kienet magħmula għal kwalunkwe kwoti riżervati speċifiċi b'antiċipazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qorti. Barra minn dan, indikazzjoni favur l-argument li t-tranżizzjoni mit-tielet għar-raba' perijodu ma tneħħix l-intitolamenti għal allokkazzjoni mhux mogħtija fil-31 ta' Diċembru 2020 tinsab fid-Deċiżjoni 2015/1814¹⁰, li ttiprovdi li ċerti kwoti mhux allokkati sal-31 ta' Diċembru 2020 għandhom jitqiegħdu f'“riżerva tal-istabbiltà tas-suq”.

¹⁰ Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU 2015, L 264, p. 1).

IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

34. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li, permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Ġunju 2020, il-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel is-segwenti domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

“(1) Il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(d) [tad-Deċiżjoni 2011/278/UE] għal allokkazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr hłas abbażi ta' subinstallazzjoni ta' valur ta' emissjonijiet ta' kombustibbli huma ssodisfatti meta, f'installazzjoni għall-produzzjoni ta' metalli mhux tal-ħadid li jaqgħu taħt l-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, konċentrat ta' ram li jkun fih il-kubrit jintuża f'forn tat-tidwib flash għall-finijiet tal-produzzjoni ta' ram primarju, u s-sħana li ma titkejilx neċessarja għat-tidwib tal-mineral ta' ram li jkun jinsab fil-konċentrat essenzjalment tinkiseb permezz tal-ossidazzjoni tal-kubrit li jinsab fil-konċentrat, proċess li permezz tiegħu l-konċentrat ta' ram jintuża kemm bħala sors ta' materja prima kif ukoll bħala materjal kombustibbli għall-finijiet tal-produzzjoni ta' sħana?

(2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

Drittijiet għal allokkazzjoni mingħajr hłas ta' kwoti ta' emissjonijiet supplimentari għat-tielet perijodu ta' skambju jistgħu jiġu ssodisfatti wara t-tmiem ta' dan it-tielet perijodu permezz ta' kwoti ta' emissjonijiet tar-raba' perijodu ta' skambju, meta jkun biss wara li jgħaddi t-tielet perijodu ta' skambju li l-eżistenza ta' tali dritt ta' allokkazzjoni tkun ġiet ikkonstatata mill-qorti, jew għandu jitqies li d-drittijiet għal allokkazzjoni li għadhom ma humiex issodisfatti ma jibqgħux jeżistu meta t-tielet perijodu ta' skambju jiġi fi tmiemu?”

35. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi minn Aurubis, mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, huma ppreżentaw argumenti orali waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2021.

V. Analiżi

A. L-ewwel domanda

36. Fil-kuntest tat-tilwima quddiemha, il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina jekk l-attività li tikkonsisti fil-produzzjoni tar-ram primarju ġo forn tal-funderija tat-tidwib flash bil-proċess “Outokumpu” tilħaqx il-kriterji ta' “subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil”. L-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tikkonċerna, konsegwentement, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278, li jiddefinixxi dan il-kunċett għall-perijodu ta' skambju mill-2013 sal-2020.

37. Il-karatteristiċi partikolari tal-proċess inkwistjoni fil-kawża prinċipali jagħtu lok għal tliet diffikultajiet partikolari fl-interpretazzjoni tad-definizzjoni ta' “subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil” li tinsab fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278. L-ewwel, is-sustanza involuta hija kemm materja prima u kif ukoll fjuwil. Barra minn hekk, hija materja prima baxxa fil-karbonju u hija suġġetta għal reazzjoni awtotermika. Għalhekk ma hemm l-ebda sors ta' sħana *esterna* u l-ebda input ta' fjuwils b'livell għoli ta' karbonju. It-tieni, il-kombustjoni tal-fjuwil użat hija biss parzjali. It-tielet, il-produzzjoni ta' sħana ma hijiex neċessarjament l-għan primarju tal-użu tal-materja inkwistjoni.

38. Madankollu, għal raġunijiet li ser nispjega, ma nikkunsidrax li dawn il-partikolaritajiet iwaqqfu r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278 milli jiġu ssodisfatti fejn installazzjoni għall-produzzjoni ta' metalli mhux tal-ħadid tuża konċentrat ta' ram li fih kubrit ġo forn tal-funderija tat-tidwib flash biex tipproduċi ram primarju u li s-šhana li ma titkejilx meħtieġa għal tidwib ta' mineral tar-ram li jinsab f'dak il-konċentrat huwa prodott essenzjalment permezz ta' ossidazzjoni tal-kubrit li jinsab fl-istess konċentrat.

39. Din l-interpretazzjoni hija bbażata fuq il-metodi tradizzjonali ta' interpretazzjoni użati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra, jiġifieri, billi mhux titqies biss il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278, iżda billi tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll l-iskema ġenerali tad-Direttiva 2003/87 u tad-Deċiżjoni 2011/278 u l-għanijiet imfittxija minnhom¹¹. Issa nipproponi li nikkunsidra kull waħda minn dawn wara xulxin.

1. Interpretazzjonijiet letterali u kuntestwali

40. L-ewwel, jista' jiġi osservat li filwaqt li t-terminu "fjuwil" ma huwiex iddefinit mid-Deċiżjoni 2011/278, il-kunċett ta' "subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil" huwa, madankollu, iddefinit mill-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278.

41. Skont din id-dispożizzjoni, "subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju tal-fjuwil" teżisti fejn "id-dħul, il-prodotti u l-emissjonijiet korrispondenti [ma humiex] koperti minn subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju [u huma relatati] mal-produzzjoni ta' šhana li ma titkejilx permezz ta' kombustjoni tal-fjuwil li hija kkunsmata għall-produzzjoni ta' prodotti [...]".

42. Isegwi minn din id-definizzjoni li t-terminu "kombustjoni" tista' tkun rilevanti sabiex tiġi speċifikata t-tifsira tal-kunċett ta' "fjuwil" użat mill-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278. Madankollu, "kombustjoni" hija ddefinita fl-Artikolu 3(t) tad-Direttiva 2003/87 bħala "kull ossidazzjoni tal-karburanti irrispettivament mill-mod li bih jintużaw is-šhana [prodotta] minn dan il-proċess u kwalunkwe attività oħra assoċjati dirett [...]". Barra minn hekk, fil-każ li wassal għas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518), il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-Artikolu 3(t) tad-Direttiva 2003/87 ma jirriduċix il-kunċett ta' "kombustjoni" biss għal reazzjonijiet ossidizzati li jiġġeneraw gassijiet serra huma nnifishom¹².

43. Kif spjegat mill-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-konklużjonijiet tiegħu f'dik il-kawża, id-dokumenti rilevanti preparatorji jikkonfermaw li l-Artikolu 3(t) tad-Direttiva 2003/87 ġie mdaħħal bl-intenzjoni li tingħata definizzjoni wiesgħa ta' "kombustjoni" li tista' tkopri kwalunkwe ossidazzjoni ta' fjuwils, indipendentement mill-għanijiet¹³.

44. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li ż-żewġ dispożizzjonijiet tal-qafas legali rilevanti li jirreferu għall-kunċett ta' "fjuwil" ma jillimitawx il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan it-terminu bi kwalunkwe mod, jekk hux dwar il-kompożizzjoni jew natura tiegħu, l-ammont ta' karbonju li għandu fih, il-mod kif it-tqabbid għandu jseħħ, il-perċentwali tal-fjuwil li għandha tintuża fil-proċess jew l-iskop tal-użu tal-materjal li fih il-fjuwil inkwistjoni. B'kuntrast

¹¹ Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2018, INEOS (C-58/17, EU:C:2018:19, punti 34 u 35), u tat-3 ta' Diċembru 2020, Ingredion Germany (C-320/19, EU:C:2020:983, punti 49 u 50).

¹² Punt 53.

¹³ Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:167, punt 44).

mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(h)(v) tad-Deċiżjoni 2011/278 – li jirreferu espressament għall-użu ta' karbonju li fih addittivi jew materja prima għal *skop primarju* li ma huwiex dak tal-ġenerazzjoni tas-sħana – l-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278 jidher li jeħtieġ biss li l-inputs, il-prodotti u l-emissjonijiet korrispondenti huma *relatati* mal-produzzjoni tas-sħana li ma titkejjax permezz ta' kombustjoni ta' fjuwil għall-produzzjoni ta' prodotti.

45. L-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2003/87 u mid-Deċiżjoni 2011/278 iservu biex jikkonfermaw din l-interpretazzjoni partikolari.

2. Interpretazzjoni teleoloġika

46. Kif jidher mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 2003/87 għandha l-għan li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet li tfittex li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera għal livell li jipprevjeni interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima u l-għan aħħari ta' liema huwa l-protezzjoni tal-ambjent¹⁴. Madankollu, huwa ċar li hemm loġika ekonomika taħt l-iskema li tħeġġeġ parteċipant fl-iskema li jemetti kwantitajiet ta' gassijiet serra li huma inqas mill-kwoti oriġinarjament allokati lilu, sabiex ibigħ iż-żejjed lil parteċipant ieħor li jkun emetta iktar mill-kwota tiegħu¹⁵.

47. Fi kliem ieħor, l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq livell tal-Unjoni hija għodda ekonomika għall-protezzjoni ambjentali bbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. L-għan għal dan l-istrument huwa li l-livell globali tat-tniġġis għandu jonqos. Isegwi, għalhekk, li d-Deċiżjoni 2011/278 għandha, fejn possibbli, tkun interpretata b'mod li tippremja – iktar milli tippenalizza – l-impriża li taffiet u naqqset l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

48. F'dan il-kuntest, il-mekkaniżmu ta' inċentiva sottostanti s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ma tistax tiġi sstovalutata. Fil-fatt, waħda mill-funzjonijiet tal-iskema hija li tħeġġeġ investimenti bil-għan li jitnaqqsu emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju b'mod ekonomikament effiċjenti u għalhekk tkun forza għall-innovazzjoni ta' karbonju baxx li jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima¹⁶. Dan il-mekkaniżmu ta' inċentiva huwa intiż biċ-ċar mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bl-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87 jispeċifika li l-allokazzjoni għandha sseħħ "b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti [u] il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni". L-ewwel premessa tad-Deċiżjoni 2011/278 tiġbed l-attenzjoni speċifikament għal dan l-aspett tal-iskema.

49. Kif, madankollu, diġà nnotajt, din hija l-loġika ekonomika sottostanti l-iskema li tħeġġeġ parteċipant li jemetti kwantitajiet inqas ta' gassijiet serra mill-kwoti oriġinarjament allokati lilu, sabiex ibigħ iż-żejjed lil parteċipant ieħor li emetta iktar mill-kwota tiegħu. B'dan il-mod, it-tieni parteċipant ma jnaqqasx l-emissjonijiet tiegħu, iżda huwa jkollu jħallas għall-emissjonijiet tiegħu u, fuq kollox, il-mira totali tiġi milħuqa – peress li l-ewwel parteċipant ikun naqqas l-emissjonijiet tiegħu – grazzi għal investiment li l-effetti pozzittivi tiegħu ser ikomplu wara

¹⁴ Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518, punt 62), u tat-3 ta' Diċembru 2020, Ingredient Germany (C-320/19, EU:C:2020:983, punt 38).

¹⁵ Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2017, ArcelorMittal Rodange et Schifflange (C-321/15, EU:C:2017:179, punt 22); tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518, punt 63); u tat-3 ta' Diċembru 2020, Ingredient Germany (C-320/19, EU:C:2020:983, punt 39).

¹⁶ Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' April 2018, PPC Power (C-302/17, EU:C:2018:245 punt 27), u tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-5/16, EU:C:2018:483, punt 61).

l-abolizzjoni totali tal-allokazzjonijiet mingħajr hlas¹⁷. Sadattant, iż-żamma ta' kwoti ta' emissjonijiet ma tikkostitwixxix forma ta' permess biex tniġġes¹⁸, iżda l-kisba ta' profitt mill-bejgħ tal-kwoti mhux użati huwa infatti parti mis-sistema ta' inċentivi maħluqa mill-iskema ta' skambju ta' emissjonijiet¹⁹.

50. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2003/87 u mid-Deċiżjoni 2011/278 iwasslu għaċ-ċaħda ta' interpretazzjoni li tkun teskludi mill-kunċett ta' "fjuwil" użat fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278 konċentrat bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali *sempliment* għax il-kombustjoni tiegħu hija biss parzjali jew għax l-għan tal-użu tiegħu ma jkunx primarjament biex jipproduċi sħana, filwaqt li, l-ewwel, ma huwiex ikkontestat li l-proċess inkwistjoni jwassal għall-produzzjoni ta' sħana li ma titkejjilx permezz ta' fenomenu ta' kombustjoni u, it-tieni u l-iktar importanti, dan il-proċess huwa innovazzjoni li tigarantixxi tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew, għall-inqas, jidher li għandu potenzjal li jnaqqas emissjonijiet CO₂²⁰.

51. Kontra din l-interpretazzjoni, il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja jargumentaw li hemm riskju ta' sovrappożizzjoni u għadd doppju ta' emissjonijiet, minkejja li tali sovrappożizzjoni hija pprojbita minn diversi dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2011/278²¹. Waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2021, ir-rappreżentant tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja enfasizza n-nuqqas ta' kwalunkwe kriterji fid-Deċiżjoni 2011/278 li jkunu jippermettu kwalunkwe distinzjoni li ssir f'każijiet "doppji" bejn x'inhu fjuwil minn naħa u x'jikkostitwixxi materja prima min-naħa l-oħra.

52. Min-naħa tiegħi, madankollu, jiena ma naqsamx dan il-biża'. Fil-fatt, spjegajt reċentement fil-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Ġunju 2021 fil-kawża ExxonMobil (C-126/20, EU:C:2021:457) għaliex nikkunsidra li jkun kuntrarju għall-iskema tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 u tad-Deċiżjoni 2011/278 li ma tiġix applikata ġerarkija bejn il-parametri referenzjarji differenti, kif deskritt espressament fil-premessa 12 tad-Deċiżjoni 2011/278²².

53. F'dan ir-rigward, għalhekk, sempliment infakkar li, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà sostniet f'okkażjonijiet differenti li d-definizzjonijiet tas-subinstallazzjonijiet ta' parametri referenzjarji differenti huma reċiprokament esklużivi²³, hija ddeċidiet ukoll li d-Deċiżjoni 2011/278 żviluppat "ġerarkija ta' tliet mudelli ta' riżerva" sabiex ikun immassimizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-enerġija għal mill-inqas xi partijiet mill-proċessi ta' produzzjoni kkonċernati²⁴. Huwa għalhekk stabbilit li "huwa biss fil-każijiet fejn ma kienx possibbli li jiġi kkalkolat parametru referenzjarju ta' prodott, iżda fejn emissjonijiet ta' gassijiet serra li jistgħu jagħtu lok għall-allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti huma ġġenerati, li

¹⁷ Il-prinċipju li kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas għandhom jiġu aboliti kompletament sal-2027 huwa minqas fl-Artikolu 10a(11) tad-Direttiva 2003/87, fil-verżjoni li kienet applikabbli f'dan il-każ. Madankollu, dan il-prinċipju ġie ddebitat mill-emendi magħmula lill-Artikoli 10a u 10b tad-Direttiva 2003/87 mill-Artikolu 1(14)(k) u (15) tad-Direttiva 2018/410.

¹⁸ Ara, f'dan is-sens (implicítament), is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 32).

¹⁹ Ara, f'dan is-sens, sentenza tat-12 ta' April 2018, PPC Power (C-302/17, EU:C:2018:245, punt 27).

²⁰ Skont il-fehma tiegħi tal-proċess inkwistjoni kif spjegat minn Aurubis u l-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, u għalhekk suġġetta għal verifika minn din tal-aħħar.

²¹ Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikoli 6(2), 7(7) u 8(5) tad-Deċiżjoni 2011/278 u s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et* (C-180/15, EU:C:2016:647, punti 69 u 70).

²² Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Ġunju 2021, ExxonMobil (C-126/20, EU:C:2021:457, punti 79 sa 87).

²³ Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et* (C-180/15, EU:C:2016:647, punt 62); tat-18 ta' Jannar 2018, INEOS (C-58/17, EU:C:2018:19, punt 29); tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland (C-682/17, EU:C:2019:518, punt 104); u tat-3 ta' Diċembru 2020, Ingredion Germany (C 320/19, EU:C:2020:983, punt 68).

²⁴ Sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Borealis *et* (C-180/15, EU:C:2016:647, punt 67). Enfasi miżjuda.

jkun neċessarju li dawn il-kwoti jiġu allokati abbażi tat-tliet għażliet oħra msejħa ‘ta’ riżerva’, *skont l-ordni ġerarkika hekk iddeterminata*²⁵. L-eżistenza proprja ta’ din il-ġerarkija tmur kontra r-riskju tal-għadd doppju.

3. *Konklużjoni fuq l-ewwel domanda*

54. Konsegwentement, fuq il-bażi ta’ interpretazzjoni letterali, kumentwali u teleoloġika tal-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni 2011/278, insib lili nnifsi nasal għall-konklużjoni li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata bħala li tfisser li r-rekwiżiti għal allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti ta’ emissjoni fuq il-bażi ta’ “subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju tal-fjuwil” huma ssodisfatti fejn, f’installazzjoni għall-produzzjoni ta’ metalli mhux tal-ħadid skont l-Anness I tad-Direttiva 2003/87, konċentrat tar-ram li fih il-kubrit huwa użat ġewwa forn tal-funderija tat-tidwib flash biex jiġi prodott ram primarju u s-sħana li ma titkejjilx meħtieġa sabiex tħoll mineral tar-ram li jinsab fil-konċentrat hija prodotta essenzjalment permezz tal-ossidazzjoni tal-kubrit li jinsab fil-konċentrat, jiġifieri li l-konċentrat tar-ram jintuża kemm bħala sors ta’ materja prima kif ukoll materja kombustibbli biex jiġġenera sħana.

B. *It-tieni domanda*

55. Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk drittijiet għal allokkazzjoni mingħajr ħlas għat-tielet perijodu ta’ skambju li huma biss ikkonstatati minn qorti wara t-tmiem ta’ dak il-perijodu ta’ skambju jistgħux jiġu ssodisfatti b’allokkazzjonijiet mingħajr ħlas għar-raba’ perijodu ta’ skambju.

56. Din id-domanda hija eżattament l-istess bħall-ħames domanda fil-kawża ExxonMobil (C-126/20).

57. Wara l-analiżi tiegħi fil-konklużjonijiet ippreżentati f’dik il-kawża, kont wasalt għall-konklużjoni li din id-domanda għandha titwieġeb fl-affermattiv. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tatx is-sentenza tagħha, bir-rispett dovut jien ser inżomm din l-interpretazzjoni u ser nieħu l-libertà li nirreferi għall-konklużjonijiet tiegħi preċedenti għal spjegazzjoni ulterjuri²⁶.

VI. Konklużjoni

58. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domandi preliminari magħmula mill-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta’ Berlin, il-Ġermanja) kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta’ April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokkazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li r-rekwiżiti għal allokkazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti ta’ emissjoni fuq il-bażi ta’ “subinstallazzjoni ta’ parametru referenzjarju tal-fjuwil” huma ssodisfatti fejn, f’installazzjoni għall-produzzjoni ta’ metalli mhux tal-ħadid skont l-Anness I tad-Direttiva 2003/87

²⁵ Sentenza tat-18 ta’ Jannar 2018, INEOS (C-58/17, EU:C:2018:19, punt 30). Enfasi miżjuda.

²⁶ Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta’ Ġunju 2021, ExxonMobil (C-126/20, EU:C:2021:457, punti 89 sa 98).

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, kif emendata mid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009, konċentrat tar-ram li fih il-kubrit huwa użat ġewwa forn tal-funderija tat-tidwib flash biex jiġi prodott ram primarju u s-sħana li ma titkejjilx meħtieġa sabiex tħoll mineral tar-ram li jinsab fil-konċentrat hija prodotta essenzjalment permezz tal-ossidazzjoni tal-kubrit li jinsab fil-konċentrat, jiġifieri li l-konċentrat tar-ram jintuża kemm bħala sors ta' materja prima kif ukoll materja kombustibbli biex jiġġenera sħana.

- (2) Drittijiet għal allokkazzjoni addizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet għat-tielet skambju jistgħu jkunu ssodisfatti wara li jkun intemm it-tielet perijodu ta' skambju bi kwoti tar-raba' perijodu ta' skambju fejn jiġi stabbilit minn qorti li kien hemm dritt għal kwoti biss wara li jkun skada t-tielet perijodu ta' skambju. Kwoti għat-tielet perijodu ta' skambju ma jiddekkadux mal-iskadenza tat-tielet perijodu ta' skambju.